REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2240

tal-20 ta' Ottubru 2022

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1378, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2119 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2307 fir-rigward tal-użu tas-siġill elettroniku kwalifikat għall-ħruġ taċ-ċertifikati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(10), l-Artikolu 43(7) u l-Artikolu 45(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 35(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/848, iċ-ċertifikat ipprovdut mill-awtoritajiet kompetenti jew, fejn xieraq, mill-awtoritajiet ta' kontroll jew mill-korpi ta' kontroll lil operaturi jew gruppi ta' operaturi, għandu jinħareġ f'forma elettronika kull fejn ikun possibbli. Is-Sistema Elettronika tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti (TRACES) imsemmija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 ([2]) tipprovdi l-mezzi biex jinħarġu ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/848 f'forma elettronika. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2119 ([3]) jirrikjedi li ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/848 jinħareġ f'forma elettronika, bl-użu ta' TRACES, mill-1 ta' Jannar 2023.

(2) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertifikati mogħtija lill-operaturi u lill-grupp ta' operaturi, huwa xieraq li jiġi introdott l-użu ta' siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3(27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) għall-ħruġ ta' dawk iċ-ċertifikati. Sabiex l-atturi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jiffinalizzaw ir-reġistrazzjoni għas-siġill elettroniku kwalifikat, jenħtieġ li jiġi previst li ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/848 ikollu siġill elettroniku kwalifikat mill-1 ta' Lulju 2023 'il quddiem.

(3) Jenħtieġ li, għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2119 jiġi emendat skont dan.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu u t-tieni paragrafu, il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 ([5]), l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandhom jipprovdu lill-operaturi, lill-gruppi ta' operaturi u lill-esportaturi f'pajjiżi terzi li kienu soġġetti għall-kontrolli msemmija fl-Artikolu 45(1)(b)(i), ta' dak ir-Regolament b'ċertifikat, li għandu jinħareġ f'forma elettronika u bl-użu ta' TRACES mill-1 ta' Jannar 2023 'il quddiem.

([1]) ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jistabbilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC") (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2119 tal-1 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ċerti rekords u dikjarazzjonijiet meħtieġa mill-operaturi u mill-gruppi ta' operaturi u dwar il-mezzi tekniċi għall-ħruġ taċ-ċertifikati f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 fir-rigward tal-ħruġ taċ-ċertifikati għall-operaturi, għall-gruppi ta' operaturi u għall-esportaturi fil-pajjiżi terzi (ĠU L 430, 2.12.2021, p. 24).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi ċerti regoli fir-rigward taċ-ċertifikat maħruġ lill-operaturi, lill-gruppi ta' operaturi u lill-esportaturi f'pajjiżi terzi involuti fl-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi u dawk fil-fażi ta' konverżjoni fl-Unjoni u jistabbilixxi l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 297, 20.8.2021, p. 24).

(5) Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertifikati mogħtija lil dawk il-operaturi, il-gruppi ta' operaturi u l-esportaturi, huwa xieraq li jiġi introdott l-użu ta' siġill elettroniku kwalifikat għall-ħruġ ta' dawk iċ-ċertifikati. Sabiex l-atturi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jiffinalizzaw ir-reġistrazzjoni għas-siġill elettroniku kwalifikat, jenħtieġ li jkun previst li ċ-ċertifikat għall-operaturi, il-gruppi ta' operaturi u l-esportaturi f'pajjiżi terzi jkollu siġill elettroniku kwalifikat mill-1 ta' Lulju 2023 'il quddiem.

(6) Jenħtieġ li, għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1378 jiġi emendat skont dan.

(7) Fir-rigward taċ-ċertifikat stampat ta' spezzjoni u tal-estratt stampat taċ-ċertifikati ta' spezzjoni, approvat fuq il-karta bil-firma bl-idejn f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 ([6]), ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2238 ([7]) estenda d-dispożizzjonijiet tranżitorji sat-30 ta' Novembru 2022 sabiex l-atturi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jiffinalizzaw ir-reġistrazzjoni għas-siġill elettroniku kwalifikat. Din l-estensjoni jenħtieġ li tiġi riflessa fin-noti biex jimtela l-mudell tal-estratt taċ-ċertifikat ta' spezzjoni previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2307 ([8]). Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2238 jestendi wkoll sat-30 ta' Novembru 2022, il-possibbiltà għal persuna awtorizzata, li tinsab fl-Ukrajna, ta' awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll li mhumiex mgħammra b'siġill elettroniku kwalifikat, sabiex tipproduċi u tissottometti fi TRACES iċ-ċertifikat ta' spezzjoni f'format elettroniku mingħajr l-applikazzjoni ta' siġill elettroniku kwalifikat fil-kaxxa 18 tiegħu.

(8) Jenħtieġ li, għalhekk ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2307 jiġi emendat skont dan.

(9) Minħabba l-iskadenza tal-perjodu tranżitorju għaċ-ċertifikati stampati u tad-deroga għall-Ukrajna fit-30 ta' Ġunju 2022, jenħtieġ li din l-emenda tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2022.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Produzzjoni Organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2119

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2119 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 35(1) tar-Regolament (UE) 2018/848 għandu jkollu siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (27) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) * Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73)."

(2) fl-Artikolu 5, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara t-tielet paragrafu:

"L-Artikolu 1, it-tieni paragrafu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.".

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2306 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' konsenji ta' prodotti organiċi u prodotti fil-faži ta' konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni u dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 13).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2238 tat-22 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2306 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni u l-estratti tagħhom u fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji għaċ-ċertifikati ta' spezzjoni maħruġa fl-Ukrajna (Ara l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2307 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar id-dokumenti u n-notifiki meħtieġa għall-prodotti organiċi u l-prodotti fil-faži tal-konverżjoni maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni (ĠU L 461, 27.12.2021, p. 30).

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1378

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1378 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, punt (a), jiżdied il-punt (iii) li ġej:

"(iii) għandu jkollu s-siġill elettroniku kwalifikat kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (27), tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) * Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).";

(2) fl-Artikolu 3, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

" L-Artikolu 1, it-tieni paragrafu, il-punt (a)(iii) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.";

(3) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2307

Fil-Parti II tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2307, fir-raba' paragrafu tan-noti li jikkonċernaw il-kaxxa 12 u fit-tieni paragrafu tan-noti li jikkonċernaw il-kaxxa 13, id-data "30 ta' Ġunju 2022" hija sostitwita bid-data "30 ta' Novembru 2022".

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 3 għandu japplika mil-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS I

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT

ĊERTIFIKAT GĦALL-OPERATURI, GĦALL-GRUPPI TA' OPERATURI U GĦALL-ESPORTATURI F'PAJJIŻI TERZI SABIEX IL-PRODOTTI JIĠU IMPORTATI FL-UNJONI EWROPEA BĦALA PRODOTTI ORGANIĊI JEW PRODOTTI FIL-FAŻI TA' KONVERŻJONI

Parti I: Elementi obbligatorji

1. Numru tad-dokument	2. (agħżel kif xieraq) ☐ Operatur ☐ Grupp ta' operaturi — ara l-punt 10 ☐ Esportatur
3. L-isem u l-indirizz tal-operatur, tal-grupp ta' operaturi jew tal-esportatur:	4. L-isem, l-indirizz u n-numru tal-kodiċi tal-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll tal-operatur, tal-grupp ta' operaturi jew tal-esportatur:
5. Attività jew attivitajiet tal-operatur, tal-grupp ta' operaturi jew tal-esportatur (agħżel kif xieraq):	
☐ Produzzjoni	
☐ Preparazzjoni	
☐ Distribuzzjoni	
☐ Ħżin	
☐ Importazzjoni	
☐ Esportazzjoni	
6. Kategorija jew kategoriji tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 35(7) tar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u l-metodi tal-produzzjoni (agħżel kif xieraq):	
(a) pjanti mhux proċessati u prodotti mill-pjanti, inkluż żrieragħ u materjal riproduttiv tal-pjanti ieħor Metodu tal-produzzjoni: ☐ produzzjoni organika għajr waqt il-perjodu ta' konverżjoni ☐ produzzjoni waqt il-perjodu ta' konverżjoni ☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika	
(b) bhejjem u prodotti mhux proċessati mill-bhejjem Metodu tal-produzzjoni: ☐ produzzjoni organika għajr waqt il-perjodu ta' konverżjoni ☐ produzzjoni waqt il-perjodu ta' konverżjoni ☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika	
(c) alka u prodotti mhux proċessati tal-akkwakultura Metodu tal-produzzjoni: ☐ produzzjoni organika għajr waqt il-perjodu ta' konverżjoni ☐ produzzjoni waqt il-perjodu ta' konverżjoni ☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika	

[1] Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

(d) prodotti agrikoli proċessati, inkluż prodotti tal-akkwakultura, għall-użu bħala ikel
Metodu tal-produzzjoni:
☐ produzzjoni ta' prodotti organiċi
☐ produzzjoni ta' prodotti fil-fażi ta' konverżjoni
☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika

(e) għalf

Metodu tal-produzzjoni:

☐ produzzjoni ta' prodotti organiċi
☐ produzzjoni ta' prodotti fil-fażi ta' konverżjoni
☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika

(f) inbid

Metodu tal-produzzjoni:

☐ produzzjoni ta' prodotti organiċi
☐ produzzjoni ta' prodotti fil-fażi ta' konverżjoni
☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika

(g) prodotti oħra elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/848 jew mhux koperti mill-kategoriji preċedenti

Metodu tal-produzzjoni:

☐ produzzjoni ta' prodotti organiċi
☐ produzzjoni ta' prodotti fil-fażi ta' konverżjoni
☐ produzzjoni organika bi produzzjoni mhux organika

7. Direttorju tal-prodotti:

L-isem tal-prodott u/jew il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [2] għall-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848	☐ Organiċi ☐ Fil-fażi ta' konverżjoni

Dan id-dokument inħareġ f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 [3] biex jiċċertifika li l-operatur, il-grupp ta' operaturi jew l-esportatur (agħżel kif xieraq) huma f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848.

8. Data, post Isem u firma f'isem l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll li qed joħorġu s-siġill elettroniku kwalifikat:	9. Ċertifikat validu minn ..... [daħħal id-data] sa ..... [daħħal id-data]

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1378 tad-19 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi ċerti regoli dwar iċ-ċertifikat maħruġ lill-operaturi, lill-gruppi ta' operaturi u lill-esportaturi f'pajjiżi terzi involuti fl-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi fl-Unjoni u jistabbilixxi l-lista ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll rikonoxxuti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 297, 20.8.2021, p. 24).

10. Lista tal-membri tal-grupp ta' operaturi kif iddefinit fl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2018/848

Isem il-membru	Indirizz jew forma oħra ta' identifikazzjoni tal-membru

Parti II: Elementi fakultattivi speċifiċi

Għandhom jimtlew element wieħed jew aktar jekk jiġi deċiż hekk mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll li joħorġu ċ-ċertifikat lill-operatur, lill-grupp ta' operaturi jew lill-esportatur f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1378

1. Kwantità tal-prodotti

Isem tal-prodott u/jew il-kodiċi tan-NM kif stipulat fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għall-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848	☐ Organiċi ☐ Fil-fażi ta' konverżjoni	Kwantità stmata f'kilogrammi, f'litri jew, meta rilevanti, f'numru ta' unitajiet

2. Informazzjoni dwar l-art

Isem il-prodott	☐ Organiċi ☐ Fil-fażi ta' konverżjoni ☐ Mhux organiċi	Superfiċe f'ettari

3. Lista ta' postijiet jew ta' unitajiet fejn titwettaq l-attività mill-operatur jew mill-grupp ta' operaturi

Indirizz jew ġeolokalizzazzjoni	Deskrizzjoni tal-attività jew tal-attivitajiet kif imsemmija fil-parti I, tal-punt 5

4. Informazzjoni dwar l-attività jew l-attivitajiet imwettqa mill-operatur jew mill-grupp ta' operaturi u jekk l-attività hijiex, jew l-attivitajiet jitwettqux għall-iskop tagħhom stess jew bħala sottokuntrattur li jwettaq l-attività jew l-attivitajiet għal operatur ieħor, filwaqt li s-sottokuntrattur jibqa' responsabbli għall-attività jew għall-attivitajiet imwettqa

Deskrizzjoni tal-attività jew tal-attivitajiet kif imsemmija fil-parti I, tal-punt 5	☐ Twettiq ta' attività/attivitajiet għall-iskop proprju ☐ It-twettiq ta' attività/attivitajiet bħala sottokuntrattur għal operatur ieħor, filwaqt li s-sottokuntrattur jibqa' responsabbli għall-attività jew għall-attivitajiet imwettqa

5. Informazzjoni dwar l-attività jew l-attivitajiet imwettqa mill-parti terza sottokuntrattata

Deskrizzjoni tal-attività jew tal-attivitajiet kif imsemmija fil-parti I, tal-punt 5	☐ L-operatur jew il-grupp ta' operaturi jibqa' responsabbli ☐ Il-parti terza sottokuntrattata hija responsabbli

6. Lista ta' sottokuntratturi li jwettqu attività jew attivitajiet għall-operatur jew għall-grupp ta' operaturi li l-operatur jew il-grupp ta' operaturi jibqa' responsabbli għalihom fir-rigward tal-produzzjoni organika u li ma ttrasferiex ir-responsabbiltà tagħhom lis-sottokuntrattur

Isem u indirizz	Deskrizzjoni tal-attività jew tal-attivitajiet kif imsemmija fil-punt 5 tal-parti I.

7. Informazzjoni dwar l-akkreditazzjoni tal-korp ta' kontroll f'konformità mal-Artikolu 46(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/848

   (a) isem il-korp ta' akkreditazzjoni;

   (b) iperlink għaċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni.

8. Informazzjoni oħra""
